# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Seduta tal-lum l-Erbgħa 30 t' Ottubru, 2024**

**Rikors Ġuramentat Nru.: 668/16 MH**

**Numru: 11**

**Moawad Ali Moawad Abou Helal**

**vs**

**Hamz Alaawar u b'digriet tal-14 t'Ottubru 2016 l-isem ġie korrett għal Alaawer Hamza**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat tal-attur tad-9 ta' Awwissu 2016** permezz ta' liema ġie premess u mitlub –

*"Dikjarazzjoni tal-oggett tal-kawza*

1. *B'att pubbliku maghmul mill-partijiet quddiem in-Nutar Dottor Daniela Mercieca fil-hdax (11) t' Awwissu elfejn u erbatax (2014), wara illi premettew illi l-intimat ghandu kreditu fil-konfront tar-rikorrenti, ir-rikorrenti ikkostitwixxa ruhu bhala debitur cert, likwidu u dovut fil-konfront tai-intimat, u dan fis-somma ta' mija, tlieta u sebghin elf euro (€173,000). inghad fl-jstess skrittura illi r-rikorrenti jkun marbut jrodd lura s-somma lill-intimat sa massimu tas-sena mid-data tal-istess att (Dok.A).*

2. *Biss izda kif se jirrizulta waqt is-smigh ta' dan ir-rikors guramentat, l-ghoti tal-kunsens tar-rikorrenti fuq dan Latt inkiseb b'ghemil doluz tal-intimat, minghajr liema r-rikorrenti ma kienx jikkuntratta, u dan ukoll billi l-kunsens tar-rikorrenti gie moghti bi zball dwar fatt li jaqa' fuq is-sustanza nniffisha tal-oggett tal-ftehim tal-11 t'Awwissu tas-sena 2014. Se jidher evidenti illi f'cirkustanzi normali, l-esponenti qatt ma kien se jiffirma att bhal dan.*

3. *interpellat jersaq ghall-att ta' annullament tal-att datat 11 t'Awwissu tas-sena 2014, l-intimat baqa' inadempjenti (Dok. 'B').*

4. *Ir-rikorrenti jaf personalment b'dawn il-fatti kollha.*

*Raguni tat-Talba*

*Stante l-fatt ili l-kunsens moghti mir-rikorrenti kien vizzjat ghal ragunijiet rikonoxxuti mil-ligi, huwa kellu jressaq dan ir-rikors guramentat sabiex jitlob ir-rexissjoni tal-att datat 11 t'Awwissu tas-sena 2014.*

*Talbiet:*

*Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhjex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni u/jew ordni meqjusa necessarja u opportuna:*

1. *Tiddikjara u tiddeciedi illi l-kunsens tar-rikorrenti fuq l-att tal-11 t' Awwissu tas-sena 2014 gie karpit b'ghemil doluz da parti tal-intimati, jew min minnhom, minghajr liema r-rikorrenti ma kienx jikkuntratta, u/jew l-kunsens tar-rikorrentji fuq l-imsemmija skrittura gie moghti bi zball dwar fatt li jaqa' fuq is-sustanza nniffisha tal-oggett tal-ftehim;*

*2. Tiddikjara ghalhekk null u minghajr effett fl-istess att datat 11 t'Awwissu tas-sena 2014 bejn il-kontendenti, u konsegwentement tirrexindih - dan ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi;*

*3 . Jekk thoss il-htiega, tahtar Nutar Pubbliku biex jippublika u jirregistra l-eventwali att ta' annullament, u tiffissa jum, hin u lok ghall-publikazzjoni tal-istess att;*

*4. Tahtar kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-intimat f' kaz ta' kontumacja tieghu fuq l-att pubbliku relattiv;*

*Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat, illi jinsab minn issa ingunt ghas-subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat.

Rat **ir-risposta ġuramentata tal-konvenut tas-26 t'Ottubru 2016**[1] li tghid hekk-

1. *"Illi preliminarjament l-azzjoni tar-rikorrenti hija preskritta ai terminu tal-artikolu 1222 et seq tal-KAP 16 tal-Ligijiet ta' Malta';*
2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ir-rikorrenti jrid jiddeciedi x'kien il-vizzju tal-kunsens minnu soffert ghaliex dan ma huwiex car mir-rikors guramentat li jikkonkjedi biss huwa biss riproduzzjoni tad-decitura tal-ligi u ghalhekk ir-rikorrenti jirrizerva li jqajjem eccezzjonijiet ulterjuri wara li r-rikorrent jiccara l-bazi tal-azzjoni tieghu;*
3. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-iskrittura tal-11 t'Awwissu 2014 hija valida fil-ligi u ma hija inflitta mil-ebda vizzju tal-kunsens kif se jigi ppruvat fil-mori ta' dawn il-proceduri;*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li huma minn issa ingunti in subizzjoni."*

[1] Fol 20

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument anness mar-risposta ġuramentata.

Rat il-provi tal-partijiet u sottomissjonijiet magħmula.

Rat illi l-każ huwa differit għall-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Permezz tal-proċeduri odjerni l-attur qiegħed jitlob lill-Qorti tiddikjara bħala null u mingħajr effett ftehim ta' kostituzzjoni ta' debitu għas-somma ta' €173,000 iffirmat bejn il-partijiet fil-11 t'Awwissu 2014. Dan stante allegat għemil doluż da parti tal-konvenut li wassal biex il-kunsens tal-attur ġie mogħti bi żball dwar fatt li jimpinġi fuq is-sustanza nfisha tal-oġġett tal-ftehim.

Minn naħa tiegħu l-konvenut jirrespinġi dawn il-pretensjonijiet bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

**<u>Eċċezzjoni preliminari</u>**

**L-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut** tissolleva l-preskrizzjoni tal-azzjoni attriċi ai termini tal-artikolu 1222 et seq tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk –

*"(1) Meta l-liġi f'xi każ partikolari ma tistabbilixxix żmien aqsar, l-azzjoni għar-rexxissjoni minħabba vjolenza, żball, għemil doluż, stat ta' interdizzjoni, jew nuqqas ta' età, taqa' bil-preskrizzjoni egħluq sentejn.*

*(2) Dan igħodd ukoll għar-rexxissjoni ta' obbligazzjonijiet mingħajr kawża, jew magħmulin fuq kawża falza."*

Għal fini ta' din l-eċċezzjoni ssir referenza wkoll għall-artikolu sussegwenti:

*"1223. (1) Iż-żmien tal-preskrizzjoni hawn fuq imsemmi jibda jgħodd biss, fil-każ ta' vjolenza, minn dak in-nhar li l-vjolenza tispiċċa, u, fil-każ ta' żball, ta' egħmil doluż, jew ta' kawża falza, minn dak in-nhar li jinkixef id-difett.*

*(2) Fil-każ ta' obbligazzjoni mingħajr kawża, iż-żmien jibda jgħodd minn dak in-nhar tal-kuntratt."*

Fil-każ fl-ismijiet **Maria Agius vs Josephine Schembri et deċiż fit-23 t'April 2009**[2] intqal hekk -

*"Illi l-artikolu 1222 tal-Kodici Civili tirrigwarda l-preskrizzjoni relatata mal-azzjoni tan-nullita` u ta' rexissjoni biex jigi annullat kuntratt li jkun nieqes minn xi wahda mill-kundizzjonijiet necessarji ghall-ezistenza tieghu jew ghaliex ikollu xi vizzju li jirrendih invalidu jew leziv ghal xi wiehed mill-kontraenti.*

*Ghalhekk, huwa imperattiv, la darba gie stabbilit li l-preskrizzjoni applikabbli hija dik ta' sentejn, li jibdew jghoddu minn meta jinkixef l-izball jew eghmil doluz. Illi filfatt, gie ritenut fil-kaz* ***Maria Zammit vs Lawrence James Cappello et*** *deciza mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Novembru 1962, li:*

*"Il-preskrizzjoni bjennali tal-azzjoni tar-rexissjoni ta' kuntratt minhabba vjolenza, zball, eghmil doluz, stat ta' mara mizzewga, interdizzjoni jew nuqqas ta' eta` u obbligazzjonijiet minghajr kawza jew b'kawza falza, tibda tiddekorri fil-kaz ta' zball, ghemil doluz u kawza falza, mill-jum li*

2 Cit Nru 96/07

*fih jinkixef id-difett. Din l-istess preskrizzjoni pero` mhix applikabbli fil-kazijiet ta' nullita` radikali; ghax in-nullita` radikali tirrendi l-obligazzjoni inezistenti, filwaqt illi fil-kazijiet l-ohra fuq imsemmija hu presuppost li l-obbligazzjoni tezisti. U l-provi mehtiega biex isostnu l-preskrizzjoni jinkombu fuq min jeccepixxi l-preskrizzjoni."*

*Fil-kawza fl-ismijiet* ***Gourmet Company Limited et vs Marianno Vella*** *deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid- 19 ta' Novembru, 2001 gie deciz li:*

*"L-iskritturi li jikkreaw obbligazzjonijiet bejn il-kontraenti jigi prezunt illi huma validi u fedelment jirriflettu l-volonta` kontrattwali taghhom. Minn jadduci l-kontra u jadduci l-vizzju tal-kunsens kontrattwali bazat fuq xi wiehed mill-elementi li l-ligi stess tindika bhala raguni valida biex jigi vizzjat tali kunsens, biex jirnexxi fl-azzjoni, ghandu jipproduci provi univoci, konklussivi, kredibbli u attendibbli in sostenn tal-pretensjonijiet tieghu, haga li rriteniet il-Qorti ta' l-Appell l-appellanti certament ma ghamlux."*

*Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet* ***Adrian de Haan vs George Whelpdale et*** *deciza fil-31 ta' Lulju, 1996 [LXXX-II-I-893] irriteniet li t-terminu ta' preskrizzjoni ta' l-azzjoni ma jistax jibda jiddekorri jekk mhux mill-mument illi l-persuna obbligata ingustament tigi a konjizzjoni tal-att abbusiv kommess fil-konfront taghha u li hemm ippregudikaha.*

*Principju iehor dwar il-preskrizzjoni huwa l-aspett tal-interpretazzjoni restrittiva u li ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, ghalkemm rikonoxxuta bhala mehtiega biex tassigura li l-azzjoni tigi ezercitata entro t-terminu stabbilit biex id-drittijiet u l-obbligi tal-konvenuti jigu debitamnet accertati, hija minnha nnifisha odjuza u allura ghandha tigi applikata restrittivament. (Ara* ***Noel Ellul et noe vs Francis Vella noe*** *deciza mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Mejju 2001, u* ***Ronald Naudi noe vs Unispeed Shipping and Forwarding Limited*** *deciza mill-Prim' Awla Qorti Civili fis-26 ta' Gunju 2003).*

*Id-data trid tigi stabbilita b'mod car. Fil-kawza fl-ismijiet* ***John Bugeja vs Joseph Gauci*** *deciza fit-28 ta' Novembru, 2002 deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili [I. J. R. Micallef] inghad:*

*"Illi marbut ma' dan il-principju hemm l-obbligu li l-Qorti dejjem u f'kull każ trid tistħarreg u tindaga minn liema data dik il-preskrizzjoni bdiet tiddekorri, u meta mill-provi ma tistax tasal biex tistabilixxi dik id-data, jkollha tiċħad l-eccezzjoni."*

*Izda fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Superjuri Civili fl-ismijiet* ***Sammy Murgo vs Henry P. Cole*** *deciza fl-31 ta' Mejju 2000 [LXXXIV-II-335] inghad:*

*"Meta obbligazzjoni hija minghajr kawza jew ibbazata fuq kawza falza jew kawza illecita, l-obbligazzjoni hija inesistenti. Il-prekrizzjoni biennali ta' l-azzjoni ta rexissjoni ta' kuntratt abbazi ta' l-artikolu 1222 mhix applikabbli fil-kazijiet ta' nullita' radikali ghax din trendi l-obbligazzjoni inesistenti.*

*Il-preskrizzjoni kontra materjali tappartjeni lill-ordni pubbliku mhix ammessa billi mhux konsentit li l-Qorti jimplimentaw u jaghtu forza guridika u esklussiva ghall-kontrattazzjonijiet bejn privati fejn l-agir taghhom ikun kontra l-istess ligi u ordni pubbliku."*

*Ukoll, fis-sentenza ta' din il-Qorti kif presjeduta tas-26 ta' Frar 2007 fl-ismijiet* ***John Grech vs Ivan Mifsud et*** *(Citazz. Nru. 1476/01) intqal:*

*"Ghalhekk fil-qasir wiehed jista' jghid li meta l-ligi f'xi kaz partikolari ma tistabbilixxix zmien aqsar, l-azzjoni ghar-rexxissjoni minhabba vjolenza, zball, eghmil doluz, stat ta' interdizzjoni, jew nuqqas ta' età, taqa' bil-preskrizzjoni eghluq sentejn, inkluz fir-rexxissjoni ta' obbligazzjonijiet minghajr kawza, jew maghmulin fuq kawza falza. Iz-zmien tal-preskrizzjoni hawn fuq imsemmi jghodd biss, fil-kaz ta' vjolenza, minn dakinhar li l-vjolenza tispicca, u fil-kaz ta' zball, ta' eghmil doluz, jew ta' kawza falza, minn dakinhar li jinkixef id-difett. Il-preskrizzjoni ta' sentejn jibdew jghoddu minn meta jinkixef l-izball jew eghmil doluz. Din l istess preskrizzjoni pero` mhix applikabbli fil-kazijiet ta' nullita` radikali; ghax in-nullita` radikali tirrendi l obligazzjoni inezistenti. Min jeccepixxi l-preskrizzjoni jinkombu fuq l-provi, liema provi jridu jkunu univoci, konklussivi, kredibbli u attendibbli in sostenn tal pretensjonijiet tieghu. It-terminu ta' preskrizzjoni ta' l azzjoni ma jistax jibda jiddekorri jekk mhux mill-mument illi l-persuna obbligata ingustament tigi a konjizzjoni tal-att abbusiv kommess fil-konfront taghha u li hemm ippregudikaha. Il-preskrizzjoni ghandu jkollha interpretazzjoni restrittiva. Id-data trid tigi stabbilita b'mod car, u meta mill-provi ma tistax tasal biex tistabilixxi dik iddata, jkollha tiëħad l-eċċezzjoni. Mhux konsentit li l-Qorti timplimenta kontrattazzjonijiet bejn privati fejn l-agir taghhom ikun kontra l-istess ligi u ordni pubbliku."*

In sostenn ta' din l-eċċezzjoni l-konvenut jargumenta li la l-kuntratt in kwistjoni ġie ffirmat fil-11 t'Awwissu 2014 u l-attur kien jaf li l-kontenut tiegħu ma kienx

jirrifletti r-raġuni veritiera li għaliha ġie ffirmat il-kuntratt, allura kien imissu ħa passi biex jinterrompi l-preskrizzjoni entro sentejn mill-iffirmar tiegħu. Iżid jgħid li meta l-kawża odjerna ġiet intavolata fid-9 t'Awwissu 2016 din saret kontra "Hamz Alaawar" u mhux kontra "Hamz Alaawer" kif proprjament jismu. Fil-fatt l-attur kien intavola rikors fit-13 t'Ottubru 2016 biex jitlob korrezzjoni fl-isem u l-awtorizzazzjoni tal-Qorti ngħatat fl-14 t'Ottubru 2016. B'hekk ir-rikors promotur kif korrett seta' jitqies li kellu effett fil-konfront tal-konvenut mill-14 t'Ottubru 2016 u mhux qabel u kwindi aktar minn sentejn wara l-iffirmar tal-kuntratt.

Minn naħa tiegħu l-attur jirribatti li huwa kien baqa' sal-aħħar jittama li jsir partner fin-negozju mal-konvenut kif kien wegħdu. B'hekk, anke wara li kien iffirma l-kuntratt in kwistjoni, huwa ma kienx fehem x'kien iffirma. Kien mingħalih li qed jiffirma dokument li bih se jgħin lill-konvenut isolvi kwistjoni li kellu mad-Dipartiment tal-VAT, u mhux li se jkun qiegħed jobbliga ruħu li jħallsu eluf kbar ta' flus. Allura d-difett ma nkixifx dakinhar tal-iffirmar tal-kuntratt iżda ferm wara u għalhekk l-azzjoni mhix preskritta.

Għal kull buon fini u b'referenza għall-kopja nformali tal-ittra uffiċjali esebita a fol 8, jrriżulta minn verifiki tal-Qorti fis-sistema e-courts li għalkemm din ġiet preżentata mill-attur kontra l-konvenut fis-16 ta' Ġunju 2016, din baqgħet qatt ma ġiet notifikata lill-konvenut u għalhekk mhijiex meqjusa valida għal fini ta' interruzzjoni tal-preskrizzjoni.

Detto cio' anke li kieku l-Qorti tieqaf fuq l-argumenti tal-konvenut dwar il-preskrizzjoni, l-eċċezzjoni ma treġix.

Huwa minnu li oriġinarjament meta l-kawża ġiet intavolata mill-attur fid-9 t'Awwissu 2016 kien hemm żball tal-ortografija f'waħda mill-ittri ta' kunjom il-konvenut fejn ġie ndikat bħala 'Alaawar' flok 'Alaawer'. Pero' ma kien hemm ebda dubju fuq l-identita' tal-persuna tal-konvenut in vista tan-numru tal-karta tal-identita' tiegħu li ġiet indikata korrettement fl-okkju.

L-attur intavola l-kawża odjerna qabel ma għalqu s-sentejn mill-iffirmar tal-kuntratt u għalhekk minn dak il-mument huwa ma kienx sempliċiment qiegħed ifittex li jinterrompi l-preskrizzjoni iżda kien qed jeżerċita d-dritt tiegħu ta' azzjoni. Għalhekk sa mid-9 t'Awwissu 'l quddiem il-kwistjoni ta' preskrizzjoni ma tiffigurax aktar. Dan irrispettivament mid-data li fiha ġie notifikat il-konvenut bl-atti tal-kawża. Fil-fatt it-terminu preskrittiv jservi biex jikkontrolla l-inerżja kontra in-nuqqas ta' azzjoni, kontra vertenza li ma titressaq qatt għal skrutinju ġudizzjarju li jwassalha għal-soluzzjoni u ċertezza tal-fatt kontenzjuż. Megħlub dan bil-preżentata tal-kawża, ma hemmx lok għat-terminu preskrittiv u r-regoli li jirrigwardawh.

Ingħad hekk fil-każ **Il-Perit Arkitett u Inginjier Civili Joseph Sultana v. Ronald Gaerty deċiż fl-1 t'April 2005 -**

> *"4. Huwa pacifiku bejn il-kontendenti li l-perijodu preskrittiv rigwardanti t-talba attrici ghal hlas ta' drittijiet professjonali huwa dak ta' sentejn,*

*sewwa sew a hemm imnizzel fl Artikolu 2149(c) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*5. L-aggravju ewlieni ta' l-attur gej mid-distinzjoni li huwa jaghmel bejn att gudizzjarju (f'dan il-kaz l-ittra ufficjali spedita lill-konvenut fit-2 ta' April 1996) li jintbaghat bl iskop li tinkiser il-preskrizzjoni u bejn att gudizzjarju iehor (att ta' citazzjoni) li jkun sar kontra d-debitur bhala "l ezercizzju proprju ta' l-azzjoni soggett (sic) ghall preskrizzjoni".*

*6. Skond l-appellant, it-termini msemmijin fil-ligi ma jibqghux jghoddu mal-prezentata ta' l-att tac-citazzjoni. Ghalhekk huwa jsostni li,*

*"....ezercitat ghalhekk id-dritt ta' l-azzjoni, kull konsiderazzjoni ta' preskrizzjoni tizvanixxi"*

*U b'dan ghalhekk li,*

*"Dawn it-termini izda ma japplikawx ghal dak il-kreditur illi jkun effettivament ezercita d-dritt ta' l-azzjoni tieghu u li jkun b'dan il-mod elimina definittivament kull kwistjoni ta' preskrizzjoni, indipendentement min-notifika o meno ta' l att minnu pprezentat ". (Sottolinear tal-Qorti)*

*7. Bhala stat ta' fatt huwa pacifiku li l-attur baghat ittra ufficjali lill-kontroparti, liema att gie innotifikat fl-4 ta' April, 1996. In segwitu, l-attur ipprezenta att ta' citazzjoni fil-31 ta' Lulju, 1997, jigifieri entro l-perijodu ta' sentejn, liema citazzjoni pero` giet innotifikata lill-konvenut fil-5 ta' Gunju 1998, cioe` aktar minn sentejn minn meta giet innotifikata l-ittra ufficjali.*

*8. Il-pern tal-kwistjoni fil-fatt hu hekk hemmx tassew differenza, ghal fini ta' effetti legali, bejn ittra ufficjali mibghuta specifikament biex tinterpella lid-debitur u fl istess waqt tinterrompi l-preskrizzjoni u att ta' citazzjoni maghmula proprju in ezercizzju ta' dik l-interpellazzjoni. Dan il-punt gie ormaj definit b'numru ta' decizjonijiet konkordi ghal xulxin, liema decizjonijiet jaqblu ma' dak li gie sottomess mill-appellant, u kwindi bil-maqlub ta' dak li gie deciz fis-sentenza appellata.*

*9. Hekk, fost ohrajn, fid-decizjoni moghtija minn din il Qorti, kif diversament presjeduta, datata t-3 ta' Marzu 1995, fil-kawza fl-ismijiet: "Dr E. Woods LL.D noe –vs- D. Jones et noe", gie ritenut hekk, in propozitu,*

*"....l-Artikolu 2130 (tal-Kap. 16) ma hux applikabbli ghall att tac-citazzjoni billi dan l-att jikkostitwixxi 'talba gudizzjarja' ai termini ta' l-Artikoli 2131 u 2132 tal-Kodici Civili. Il-preskrizzjoni in kwistjoni giet interrotta appena saret it-talba gudizzjali ta' l-attur nomine bil-prezentata tac-citazzjoni odjerna. L-Artikolu 2130 japplika meta si tratta ta' ittra*

> *ufficjali jew xi att gudizzjarju iehor skond l Artikolu 2128 tal-Kodici Civili li bih il-kreditur juri li bi hsiebu jzomm il-jedd tieghu ta' azzjoni fil-konfront tad debitur;*
>
> *Fil-kaz odjern, l-attur nomine mhux qieghed javza lill allegat debitur tieghu li bi hsiebu jzomm il-jedd tieghu ta' azzjoni kif jghid l-Art. 2128, izda invece l-attur nomine qieghed effettivament jezercita dak id-dritt ta' azzjoni bic citazzjoni li ipprezenta entro t-terminu….."*
>
> *Il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti, kif ippresjeduta izda diversament komposta, fil-kawza Briffa vs. Debono deciza fis-7 ta' Lulju 1992, fejn saret distinzjoni bejn l-att rinnovattiv ta' l-azzjoni (bhal ma hija l-ittra ufficjali jew il-protest) u l-att ezekuttiv taghha (bhal ma hija c-citazzjoni);*
>
> *Issir riferenza wkoll ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal Kummerc fid-9 ta' Gunju 1994, fil-kawza fl-ismijiet Alfred Gatt noe vs- David Jones et noe fejn l-istess eccezzjoni li tressqet f'din il-kawza giet respinta ghall-istess raguni."*
>
> *10. Din il-Qorti tikkondividi pjenament dan l-insenjament u ghalhekk qeghda tilqa' l-appell ta' l-attur taht dan l-aspett peress li hija tal-fehma li l-aggravju tieghu huwa legalment fondat."*

Fid-dawl tas-suespost, din l-eċċezzjoni hija nfondata fil-fatt u fid-dritt. Ma hemm ebda lok għalhekk li l-Qorti tevalwa l-argumenti tal-attur dwar il-preskrizzjoni.

**L-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut ser tiġi miċħuda.**

**<u>Mertu</u>**

**Fl-ewwel talba** tiegħu l-attur qed jitlob lill-Qorti tiddikjara u tiddeċiedi illi l-kunsens tiegħu fuq il-ftehim tal-11 t' Awwissu 2014 ġie karpit b'għemil doluz da parti tal-konvenut, minghajr liema huwa ma kienx jikkuntratta, u/jew l-kunsens tiegħu fuq l-imsemmija skrittura ġie mogħti bi żball dwar fatt li jaqa' fuq is-sustanza nniffisha tal-oġġett tal-ftehim.

Mill-att jirriżulta li l-attur u l-konvenut kienu nvoluti f'negozju flimkien b'rabta ma' supermarket bl-isem ta' All In One ġewwa l-Imsida. Oltre minn hekk ftit li xejn jaqblu bejniethom dwar dak li seħħ f'dan in-negozju u l-konsegwenzi. Saħansitra lanqas hemm qbil dwar ir-rwol li l-attur kellu f'dan in-negozju, fejn l-istess attur jisħaq li huwa kien f'dan in-negozju bi sħab (*partner)* mal-konvenut, filwaqt li dan ta' l-aħħar jinsisti li l-attur kellu r-rwol biss li jimmaniġja l-ħanut (*manager*).

*<u>Verżjoni tal-attur</u>*

Dwar l-isfond marbut mal-iffirmar tal-ftehim tal-11 t'Awwissu 2014, l-attur xehed li wara li ħadu f'idejhom il-ħanut mingħand terzi huma bdew joperaw circa f'Jannar 2013. Il-bejgħ fil-ħanut tela sew u huwa kien jaħdem ħafna sigħat. Il-konvenut kien jiġbor il-flus fl-għaxija, jew kull jumejn, u jiddepożita l-flus hu l-bank. L-attur ma kellux idea kemm kienu dawn l-ammonti ta' flus. Hu talab lill-konvenut biex jagħmlu kuntratt bejniethom li juri li huma sħab fin-negozju iżda l-konvenut ma riedx peress li kellu proprjeta' marbuta mal-bank u hu ried li jidher

li għandu negozju b'saħħtu waħdu sabiex iħollulu l-garanziji fuq il-proprjeta' tiegħu.

Wara xi sitt xhur mill-ftuħ tan-negozju, l-konvenut siefer għal madwar erba' xhur u ħalla prokura a favur l-attur. Permezz tagħha huwa kien jiddepożita l-flus tan-negozju. Xi tlett ġimgħat wara li siefer talbu biex jieħu €6,228 mill-flus kontanti tal-ħanut u jitfagħhom fil-kont personali tiegħu. Il-bank ħallih jagħmel dan. Dan seħħ xi 3 jew erba' darbiet, cioe' circa darba f'xahar matul iż-żmien li dam imsiefer il-konvenut.

Sakemm il-konvenut kien imsiefer, l-attur wasal fi ftehim ma' terzi għal ftuħ ta' ħanut ieħor ġewwa l-Gżira. Dan in-negozju l-attur għamlu biss f'ismu. Malli wasal għat-tieni ħanut huwa staqsa lil Hamza jekk kienx hemm flus biżżejjed biex iħallsu l-kera u jaqilbu d-dawl tat-tieni ħanut fuq l-istess attur. Qal li l-konvenut kien wieġbu li flus hemm (għax kien il-konvenut li jiċċekkja kollox bl-*internet banking*). Huwa kien issuġġerixxa lil Hamza li l-ħlas lis-*suppliers* jaqilbuh fuq bażi ta' *30-day credit* biex jistgħu jimlew it-tieni ħanut għax qabel dejjem kienu jħallsu *cash on delivery*. Il-konvenut ħalla f'idejh u hekk sar. It-tieni ħanut infetaħ xi xahrejn wara li siefer Hamza circa Settembru 2013. F'dak iż-żmien ukoll fetħu t-tielet ħanut li kien ibiegħ il-ħaxix.

Xi xahar wara li fetħu t-tieni ħanut, l-attur beda jinnota l-problemi. Bdew jibbawnsjaw iċ-ċekkijiet. Huwa raha stramba għax kien qed jagħmel depożiti ta' flus il-bank. Staqsa dwar dan lill-konvenut li wieġbu li ser jiċċekkja. Wara xi 3

ġimgħat il-konvenut qallu li ma kienx hemm biżżejjed flus il-bank. L-attur kien sorpriż għax il-ħwienet kieu sejrin tajjeb fil-bejgħ fejn ħanut minnhom kien ibiegħ bejn €12,000 u €14,000 fil-ġimgħa u l-ieħor madwar €3,600 fil-ġimgħa u għamel żmien anke €5,400.

Sadanittant l-attur kien għadu ma tħallasx.

Il-konvenut qallu li kien ser jitrasferixxi l-flus bl-*internet banking* fuq il-kont taċ-ċekkijiet biex ikollu biex jaħdem. Ftit wara, l-konvenut ġie lura Malta u qallu li għandhom problema kbira minħabba li mhemmx flus. Kien qallu biex inaqqas il-ħaddiema u l-attur spiċċa għamel żmien jaħdem bħala kaxxier. It-tieni ħanut willewh lill-kumpanija The Convenience Store Ltd għas-somma ta' €20,000. Dan kien għal ħabta ta' April 2014. Hamza qallu biex jużaw dawk il-flus biex jaqtgħu id-dejn.

Wara li krew it-tieni ħanut, għamlu stock-take, u dak l-istock li kien fit-tieni ħanut tefgħuh fl-ewwel ħanut. Kellhom bi €17,500 stock li kien jibiegħ bi €22,000. Komplew jaħdmu normali u l-konvenut baqa' jgħidlu li hemm ħafna problemi bid-djun u li hemm telf pero' ma kienx jgħidlu kemm. L-attur jgħid li ġieli l-konvenut kien beda joħroġ ċekkijiet tal-ħanut għal affarijiet personali eż xogħol

ta' kostruzzjoni li hu kellu personalment. Meta kien jistaqsi dwar dan lill-konvenut dan kien jgħidluli qed jiddepożita l-flus fil-kont tal-ħanut.

Lejn l-aħħar ta' Ġunju 2014, kien kellmu Hamza u qallu li kellhom problema kbira ma' tal-VAT u li kienu qegħdin jiġru warajh biex jimla l-formola tal-VAT u jħallas il-VAT. Qallu wkoll li jekk ma jsolvihiex hemm ċans ikollu jagħlaq il-ħanut jew ibiegħ kollox. L-attur dan ma ridux isir għax kellu jieħu l-flus mill-ħanut. Hu ma kienx jaf eżatt x'ried jgħid il-konvenut b'dan kollu u x'ħin talbu jiċċaralu, qallu li biex isalvaw in-negozju u ma jagħlqux il-ħanut, kellhom jagħmlu kuntratt għand Nutar biex hu jkun jista' jagħtih lill-*accountant* u b'hekk id-Dipartiment tal-VAT jistennew qabel imexxu kontrih. Hamza spjegalu li qatt ma kien se jitolbu dak l-ammont imniżżel fil-kuntratt u wegħdu li wara li jagħmlu l-kuntratt, u wara li jkun solva l-biċċa tal-VAT, hu kellu jwaqqagħlu dak il-kuntratt. Skont l-attur hu ma kellu jħallsu xejn fil-verita' lill-konvenut. Anzi huwa jieħu kellu mill-ħanut. Madankollu, biex jgħinu u n-negozju jiġi salvat għax inkella jibqa' b'xejn, bħal qisu kien sfurzat li jgħidlu iva, anke għaliex l-għixien tiegħu kien jiddependi għal kollox minn Hamza. Jekk il-ħanut jagħlaq kien ser jispiċċa kollox fix-xejn u dak ix-xogħol kollu li għamel anke biex xi darba jsir sieħeb fin-negozju kien ikun għalxejn.

Fil-11 t'Awwissu 2014 marru għand in-nutar Daniela Mercieca u sabu l-abbozz tal-kuntratt lest. In-Nutar talbitu l-karta tal-identita' u xi nformazzjoni oħra u bdiet taqra l-kuntratt. L-attur ikompli jixhed hekk[3] –

> *"Jien għidtilha biex tmexxi għaliex jiena kont naf li Hamza għandu bżonn il-kuntratt. Hamza spjega lin-nutar għalfejn qiegħed isir dak il-kuntratt. Wara li ffirmajnih, Hamza reġa' rrepeta dak li kien qalli qabel quddiem in-Nutara u għalhekk jien serraħt rasi illi dik il-karta konna ffirmajniha biex ngħin lilu u biex il-ħanut ma jagħlaqx, xejn aktar."*

L-attur ikompli jixhed li Hamza qarraq bih għax dejjem għax dejjem wegħdu li ladarba tissolva l-problema, il-kuntratt ta' quddiem in-nutar kien se jwaqqgħu u ħallih bit-tama li dak li hu tiegħu mbagħad jieħdu. Qatt ma ppretenda li l-konvenut kien se juża l-kuntratt kontrih. Li kieku kien jaf dak li kien se jagħmel Hamza wara l-iffirmar tal-kuntratt, qatt ma kien jiffirmalu. Huwa nsista li min-negozju kellu jieħu l-flus mhux jagħti.

Fl-aħħar t'Awwissu 2014 il-konvenut infurmah li xorta waħda kien se jbiegħ il-ħanut u dan minkejja l-kuntratt.

Imbagħad fis-sena 2015 il-konvenut kien qallu waqt telefonata li qed jippretendi xi ħlasijiet mingħandu. Huwa ħa qatgħa għax Hamza dejjem kien jgħidlu li dan il-kuntratt kien ser iwaqqgħu.

Meta l-persuna li kienet teħodlu ħsieb l-accounts iċċekja l-karti tal-accounts li kienu għand il-konvenut innota ħafna żbalji.

[3] Fol 40

L-attur isostni li l-konvenut approfitta mis-sitwazzjoni tiegħu - fejn huwa kien qiegħed jistenna l-mument li jsiru partners biex jieħu flusu – u ttradih.

*Verżjoni tal-konvenut*

Il-konvenut kien sar jaf lill-attur (magħruf ukoll bħala Mido) tramite terza persuna. Huwa għen lill-attur biex isolvi xi diffikultajiet finanzjarji li kellu. Wara xi żmien kien offra lill-attur li jieħu ħsieb jimmaniġġja l-ħanut All In One tal-Imsida filwaqt li mart l-attur tkun impjegata hemm ukoll bil-paga. L-attur ma aċċettax li jieħu paga fissa mill-ħanut sakemm iqum fuq saqajh. Dan bħala ringrazzjament tal-għajnuna kollha li kien tah il-konvenut meta kellu l-problemi. Għall-konvenut, l-attur kien biss impjegat bħala manager li jieħu ħsieb l-immaniġġjar tal-ħanut filwaqt li l-istess konvenut kien ser joħroġ il-flus huwa.

Wara ftit żmien li nfetaħ il-ħanut, inqalgħu problemi personali bejn l-attur u martu u dan spiċċa keċċiha u minflok talab lill-konvenut biex iġibu lil ħu l-attur stess mill-Eġittu ħalli jgħinhom fil-ħanut u jipprepara l-irċevuti għal dak li għandu x'jaqsam ma' accounts sabiex imbagħad jagħtihom lill-accountant tal-konvenut Simon Grixti. Applikaw għall-permess ta' xogħol mill-ETC u ħu l-attur ġie Malta u wrieh kif jaħdem. Inġiebet ukoll it-tfajla ta' ħuħ Malta.

Il-konvenut stqarr ukoll li għalkemm l-attur ma kienx jieħu paga fi flus kontanti, huwa kien jeħodha f'forom oħra u ċioe' ikel, nappies għat-tfal u bżonnijiet oħra

u kien anke jieħu cash mill-bejgħ ta' kuljum biex iħallas il-kera ta' fejn kien joqgħod, dawl u ilma, diesel, mobile u manteniment lil martu.

Fil-bidu li bdew bil-ħanut All in One dejjem ħadmu fuq bażi ta' ħlas cash mas-suppliers. Xtraw sistema biex ikollhom kontroll tal-merkanzija kollha, l-affarijiet ritornati u l-karti li kellhom jagħtu lill-accountant. L-attur kien anke ġie mħarreġ fuq din is-sistema u fl-aħħar ta' kull ġimgħa kellu jagħtihom kollox.

Bejn it-8 ta' Lulju u t-30 ta' Novembru 2013 l-konvenut siefer. Ħalla lill-attur inkarigat mill-ħanut u ħuh jieħu ħsieb l-accounts filwaqt li mpjegat Jed-Isaac Cassar idaħħal l-istock fis-sistema taħt is-superviżjoni tal-attur. L-attur kellu jdaħħal id-dħul ta' kuljum fis-sistema u jiċċekkja li kollox kien jaqbel mal-ordnijiet. L-attur kellu jlesti dan kollu biex wara jgħaddi kollox lill-accountant Simon Grixti.

Wara tlett ijiem imsiefer l-attur ċempel lill-konvenut u qallu li kien ser jiftaħ ħanut ieħor fil-Gżira u li jista' jifthu bil-merkanzija li kellu fil-maħżen għax kien mimli u ma' dawn kellu jagħmel xi ordnijiet oħra bi krediti għal xi affarijiet li kien jonqos. L-attur għamilha ċara li huma qatt ma ħadmu bi kreditu u ma kienx ser jaċċetta li jaħdmu bi kreditu. Kellhom stock biżżejjed u kollu mħallas u l-ħanut kien sejjer tajjeb. Il-konvenut ħalla kollox f'idejn l-attur għax ħaseb li kollox kien taħt kontroll u hu kompla bl-affarijiet tiegħu barra minn Malta. Sadanittant lanqas għaddielu minn moħħu li l-attur qaleb il-merkanzija kollha fi

kreditu fiż-żewġ ħwienet u l-impjegati ma kinux qed jitħallsu l-paga. Il-konvenut kellu jirritorna Malta.

Mar-ritorn tiegħu Malta l-konvenut ġie nfurmat mill-Bank li kien hemm ħamsa u għoxrin ċekk maħruġin f'isem il-kumpanija u ffirmati mill-attur li ma ġewx onorati. Il-konvenut kellu jiddepożita €70,000 b'kollox biex dawn jiġu onorati flimkien ma' penali ta' €1,700. Il-Bank qalu lill-konvenut biex iwaqqaf lill-attur milli jiffirma ċ-ċekkijiet u ma ħarġulux aktar kotba tal-bank. Minkejja li l-firma tal-attur ma kinitx aktar valida kien fadal ċekkijiet datati b'lura għand il-fornituri u allura l-attur kellu jmur kuljum il-bank biex jikkonferma ċ-ċekkijiet.

Meta sab dawn il-problemi kollha, l-konvenut talab l-għajnuna ta' ċerta Charmaine Cassar biex tgħinu jiġbor id-djun kollha għax l-attur ma kellux idea kemm ħareġ ċekkijiet u kien anke naqqas id-depożiti ta' kuljum fil-bank tant li bdew isibu ħafna diskrepanzi u karti nieqsa. L-accountant Simon Grixti wkoll għen biex isibu d-diskrepanzi.

Il-konvenut sab ruħu kostrett iċedi l-ħanut tal-Gżira għas-somma ta' €20,000 u l-istock ħaduh fil-ħanut tal-Imsida. Meta għamlu l-istock take tal-Imsida sabu li kellhom biss merkanzija ta' €17,600. Meta ġriet il-kelma li neħħew il-ħanut tal-Gżira, l-fornituri bdew ġejjin biex jitħallsu tal-merkanzija tagħhom. Kien hawn li l-konvenut sar jaf li l-merkanzija tal-Gżira kienet fuq kreditu u anke merkanzija kienet inbiegħet u qatt ma tħallset. Għalhekk il-konvenut kellu jagħmel arranġamenti sabiex titħallas il-merkanzija tal-Gżira wkoll.

B'dak li daħħal meta ċeda l-ħanut tal-Gżira l-konvenut ħallas ftit mill-pagi peress li ma kellux biżżejjed biex iħallas kollox u allura ftiehem mal-impjegati biex jagħtuhom il-pagi kurrenti u ftit milli kellhom b'lura kull xahar. L-istess ftehim sar mal-fornituri. Il-konvenut ma sab ebda koperazzjoni mill-attur f'dan kollu.

Il-parir tal-accountant Simon Grixti kien li l-ħanut All in One jinbiegħ jew jinkera bl-istock b'kollox u jagħmlu stock take, u bil-bejgħ iħallsu d-dejn kollu. Il-konvenut talab lil Charmaine Cassar biex tgħinu jagħmel kuntatt mal-fornituri kollha sabiex fi żmien 30 jum jibagħtulhom l-istatements. Tal-Convenience Shop kienu ħadu l-ħanut All In One fi Frar 2015. Il-konvenut ħaseb li b'hek kien solva l-problemi tagħhom kollha u li tal-Convenience Shop kellu jħallsu biss tal-merkanzija.

Sar stock take minn nies tal-Convenience Shop u minn tagħha tagħhom (l-attur u ħuħ u l-konvenut) u l-ammont tela' għal €18,600. Il-konvenut kellu jieħu self ta' €40,000 mingħand id-direttur tal-Convenience Shop u wara kellu jieħu self ieħor ta' €18,000 bir-rata ta' 8% sabiex jagħmel tajjeb għad-dejn li baqa' jinqala ta' suppliers peress li Mido qatt ma tah il-karti u dan meta suppost dejjem ħadmu cash u ħallsu s-suppliers mill-ewwel.

Biex jipprova jieħu l-informazzjoni li kellu bżonn mingħand l-attur ħalli forsi jaqbad art ta' kemm dejn kien għamel u fejn marru l-flus, l-konvenut addirittura ta lill-attur post fejn joqgħod ġewwa Tas-Sliema u anke daħħallu terzi persuni u żamm il-ħlas tal-kera għalih. Il-konvenut reġa tah somma ta' €5,900 biex jirranġa

l-post u jkun jista' jgħix fih. Il-konvenut jgħid li ma setax jagħmel mod ieħor għax kellu bżonn l-attur peress li ma kellux l-informazzjoni li kellu bżonn.

Wara li neħħa l-ħanut All In One, l- konvenut għamel laqgħa mal-attur u dan ta' l-aħħar qallu li kien lest li jħallsu tat-telf kollu li kien sofra l-konvenut u tal-flejjes li ħa mill-ħanut. L-attur kien qallu li ried jiftaħ ħanut u jħallsu minnu u sabiex il-konvenut iserraħ rasu qallu biex ikun sħab miegħu. Kien ħadu jara ħanut f'Rue d'Argens u ieħor il-Gżira. X'ħin il-konvenut staqsih kif kien ser jiftaħ dawn il-ħwienet, l-attur talbu jtih €50,000 ħalli jkollu biex jibda. Il-konvenut m'aċċettax.

Sadanittant il-konvenut sar jaf li d-diskrepanzi li kien hemm u li kien ħadlu Mido mill-ħanut kienu jammontaw għal €230,000. Huwa kompla jixhed hekk[4] -

> *"Jien kellimt lil Moawad u staqsejtu: "Min ser iħallasni tad-dejn li int obbligat lejja, għax inti tgħid bil-kliem biss. Jiena għidtlu li ser nirrapurtah lill-pulizija u huwa talabni bil-ħniena biex ma nirrapurtahx. Huwa qalli li s-somma li kien ħa kienet ta' mija u sebgħin elf Ewro (€170,000) u li kellu jtini wkoll tlett elef Ewro (€3,000) oħra mis-self li kont tajtu. Morna għand in-nutar Daniela Mercieca fejn hija spjegatlu jekk huwhiex qed jifhem għaliex kien qiegħed jiffirma, għax din ser tkun sentenza fuq rasu li qed jiffirma. Huwa rrispos=nda "Iva naf sewwa għalxiex qed niffirma."*
>
> *Jien aċċettajt li nniżżlu s-somma ta' mija u tlieta u sebgġin elf Ewro (€173,000) għaliex f'moħħi għidt aħjar nimxi fuq dak li qed jammetti milli nagħmel snin twal il-Qorti niġġieled għal dak li nsteraqli."*

L-attur qallu li kellu bżonn isib xi xogħol u jħallsu lura. Ftit wara l-konvenut sar jaf li l-attur kien sar sid ta' ħanut (wieħed minn dawk li kienu marru jaraw

[4] Fol 602

flimkien). Meta staqsih minn fejn kien ġab il-flus, l-attur ta verżjoniet differenti b'waħda minnhom tkun li kien bi sħab ma' ċertu Fabrizio tal-McSims.

L-attur talab lill-konvenut sabiex jagħtih żmien sena sakemm iqum fuq saqajh u jibda jħallsu lura bla nteressi. Minn sena saru tnejn u minn ħanut wieħed l-attur fetaħ tlieta. Meta kkonfrontah b'dan l-attur wieġeb li l-ħwienet ma kinux tiegħu imma kien qiegħed biss jgħin lis-sidien. Meta l-konvenut reġa' kkonfrontah, l-attur qal li kien qiegħed bi sħab ma' Fabrizio tal-McSims.

Meta l-konvenut mar ikellem lil dan Fabrizio u qallu bid-dejn li l-attur kellu miegħu, Fabrizio wieġeb li huwa kien biss impjegat u ma riedx jidħol fil-biċċa. Meta sar jaf li l-konvenut mar ikellem lil Fabrizio, l-attur ċempillu u qallu li jekk irid jitħallas għandu jieqaf milli jħammiġlu ismu ma' sħabu u jaqlagħlu l-problemi magħhom.

Wara ftit aktar xhur ta' stennija, l-attur ċempel lill-konvenut u talbu biex jiltaqgħu ġewwa lukanda ewlenija f'San Ġiljan. Il-konvenut ħa miegħu lil ħuh bħala xhud. L-attur talbu biex jannulla l-kuntratt mertu tal-kawża stante li kien qiegħed isibha diffiċli mal-banek sabiex ikabbar in-negozju u kien preparat li minflok huwa jagħmel ħlasijiet kull xahar fuq ftehim ta' ħbieb. Il-konvenut m'aċċettax.

Wara ġimgħa l-attur ċempillu u qallu li l-persuna li teħodlu ħsieb l-accounts kien qed jaħdimlu l-pagament ta' kull xahar imma ried jara l-accounts tiegħu u l-konvenut aċċetta.

L-attur u l-konvenut reġgħu bdew jitkellmu u Mido qallu li kien qed jagħmillu ħafna ħsara bil-kuntratt li ffirma u li kellu bżonn jirranġah. Hamza wieġeb li kien jaf għal xhiex dieħel meta ffirma. Infatti l-konvenut imbagħad bgħatlu ittra uffiċjali fejn anke nterpellah biex iħallas 8% interessi fuq is-somma dovuta.

Hamz Alaawer insista li meta wieħed jagħsar kollox, l-attur mhux biss ħadlu l-paga f'diversi forom talli ġarru u huwa spiċċa jrid joħroġ flejjes kbar biex ikopri d-djun li għamillu Mido. Dan meta qabel il-ħanut kien jiġġenera flus biżżejjed biex dan id-dejn qatt ma kellu jsir. L-attur kien idaħħal il-flus, ma jiddepożitahomx kollha, ma ħallasx lil ħaddiema u lis-suppliers, l-istock baqa' jonqos u l-istock il-ġdid spiċċa kollu bi kreditu.

**Ikkunsidrat:**

Rinfaċċjata b'dan il-kunflitt bejn il-verżjonijiet tal-partijiet fir-rigward tal-vertenza odjerna, l-Qorti tissottolinea li kif inhu pero' risaput fil-ġurisprudenza, dan m'għandux ikun ta' ostaklu *per se* biex hija tasal għall-ġudizzju tagħha. Ingħad hekk fil-każ fl-ismijiet **Raymond Cauchi noe vs Michael Angelo Fenech deciz fil-15 ta` Dicembru 2015**[5]-

"***Konflitt tal-verżjonijiet***

[5] Rik Gru Nru 1170/86

*Fis-sentenza tagħha tal-24 ta` Marzu 2004 fil-kawża* ***`Xuereb et vs Gauci et`*** *il-Qorti ta` l-Appell Inferjuri qalet hekk dwar konflitt ta` provi fil-kamp ċivili –*

*"Huwa paċifiku f`materja ta` konflitt ta` versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn żewg prinċipji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha:*

*1) Li tagħraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista` tikkonforta xi waħda miż-żewġ verżjonijiet bħala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn oħra ; u*

*2) Fin-nuqqas, li tiġi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur".*

*Ara a propożitu sentenza fl-ismijiet "****Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Maryanne Theuma****", Appell, Sede Inferjuri, 22 ta` Novembru, 2001.*

*Fi kliem ieħor il-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f`kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant (Kollez. Vol L pII p440)." (ara wkoll: "****Bugeja vs Meilak****" – PA/TM – 30 ta` Ottubru 2003; "****Kmandant tal-Forzi Armati ta` Malta vs Difesa****" – PA/PS – 28 ta` Mejju 2003 ; "****Farrugia vs Farrugia****" – PA/CC – 24 ta` Novembru 1966)."*

Il-bażi tal-azzjoni tal-attur hija ai termini tal-artikoli 974, 976 u 981 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdu hekk -

*"974. Jekk il-kunsens ikun ġie mogħti bi żball, jew meħud bi vjolenza, jew b'għemil doluż, ma jkunx jiswa.*

*976. (1) L-iżball dwar il-fatt ma jġibx in-nullità tal-kuntratt ħlief meta jaqa fuq is-sustanza nfisha tal-ħaġa li tkun l-oġġett tal-ftehim.*

*981.(1) L-għemil doluż huwa motiv ta' nullità tal-ftehim, meta l-inganni magħmulin minn waħda mill-partijiet ikunu tali illi mingħajrhom il-parti l-oħra ma kenitx tikkuntratta.*

*(2) L-għemil doluż ma jistax ikun preżunt, imma għandu jiġi ppruvat."*

Ingħad hekk in materja fil-każ **Joseph Galea et vs Herman Mizzi et deċiż fis-27 ta' Frar 2020 -**

*"Fis-sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta tas-6 ta` Marzu 2003 fil-kawza "**Farrugia vs Farrugia**" inghad hekk –*

*"Illi l-kawza odjerna hi bbazata fuq l-artikolu 974 sal-981 tal Kodici Civili, Kap.16 tal-Ligijiet ta` Malta. L-attur, di fatti, qed isostni li l-kunsens tieghu ghall-kuntratt tas-separazzjoni gie mehud bi vjolenza, b`ghemil doluz u gie moghti bi zball.*

*Illi kif inghad fis-sentenza "Godfrey Aquilina noe vs Vincent Borg et" (A.J.M. 10 ta` Marzu 1997 – Vol XXXI.III.44), il-"kuntratti u konsegwentement l obbligazzjonijiet naxxenti minnhom, jistghu jigu rexissi jekk jonqos xi wiehed jew izjed mill-elementi essenzjali mehtiega ghall-validita` ta` kuntratt u cjoe` kapacita`, kunsens, oggett u kawza lecita". Illi ghalhekk il-kunsens ta` l-obbligat huwa element essenzjali ghall-ezistenza ta` obbligazzjoni. Illi skond l-artikolu 974 tal-Kap 16 jinghad li:- "Jekk il-kunsens ikun gie moghti bi zball, jew mehud bi vjolenza jew b`ghemil doluz, ma jkunx jiswa".*

Kompla jingħad hekk fil-każ **Excel Homes Real Estate Limited vs Martin Pace u Mary Pace deċiż fil-25 ta' Settembru 2023 -**

*"Illi fis-sentenza "**A. Aquilina et vs Av.Dottor A.H.Farrugia noe**" (P.A. (RCP) 22 ta' Mejju 2001 – Cit.Nru: 2689/96/RCP) gie kkwotat is-segwenti:-*

*"Illi dwar vizzju tal-kunsens minhabba zball, il-ligi tiddistingwi bejn zball dwar il-ligi li ma jgibx nullita` hlief meta dan ikun il-kawza wahdanija*

*jew ewlenija tieghu, u zball ta' fatt li ma jgibx in-nullita` tal-kuntratt hlief meta jaqa' fuq is-sustanza nfisha tal-haga li tkun l-oggett tal-ftehim (Art 975 u 976 tal-Kap 16)".*

*"Illi dejjem gie ritenut mill-Qrati taghna li biex jaghti lok ghat-thassir tal kuntratt l-izball ta' fatt irid ikun zball sostanzjali. Il-Qorti ta' l-Appell fis sentenza tat-30 ta' Marzu, 1936 fl-ismijiet "Alessandro Portanier vs Paolo Dalli" irriteniet li 'errore di fatti' ma jgibx ghan-nullita` tal-konvenzjoni 'se quando cade sulla sostanza stessa della cosa che ne e` l'oggetto'. In sostenn ta' dan saret referenza ghal dak li jinghad minn l-awtur Franciz Laurent (Vol XV, p 455) li fuq dan il-kuncett qal hekk: 'Pothier ci dira` cio` che bisogna intendere per errore sulla sostanza della cosa. L'errore annulla che le parti hanno avuto principalmente di mira e che forma la sostanza di questa cosa. L'errore sulla sostanza e` dunque un errore sulla qualita`, ma non ogni errore sulla qualita` e` sostanziale; bisogna che esso cada su di una qaulita` principale, ed e` l'intenzione delle parti quello che deve decidere se una qualita` e` o no principale. E il caso di applicare il principio di Domat: Le parti non avrebbero contrattato se avessero saputo che la cosa non aveva quella qualita` che esse le supponevano; l'errore sara` sostanziale". ("Godfrey Aquilina noe vs Vincent Borg et" – P.A. (AJM) 10 ta' Marzu 1997 - Vol LXXXI.III.44).*

*Illi 'nfatti, fis-sentenza "Sacerdot C. Caruana et vs M.Bugeja" (A. C. 5 ta' April 1922 – Vol.XXVE.ii.81) illi "...per invalidare una transazione per errore sull'oggetto, pertanto, l'errore deve aver avuto tanto peso subiettivo sull'animo del contraente, da rendere certo che questi, in difetto di quell'errore, non sarebbe intervenuto...".*

*Illi mbaghad fis-sentenza "Onorato Pisani vs Negte. Joseph Mamo noe" (A.K. 7 ta' Novembru 1933 – Vol.XXVIII.i.1218) intqal li*

*"...l'errore, per essere causa di vizio del consenso, deve essere scusabile. La dottrina da accettarsi nella soggetta materia e' quella secondo cui l'errore non puo' addursi quando e' l'effetto di grande negligenza, per cui il contraente avrebbe potuto accorgersi dell'errore anche con lieve diligenza, perche' in tale caso e' da applicarsi la massima qui sua culpa damnum sentit, non videtur damnun sentire. Ed in applicazione di tale dottrina, la Corte di Appello di Sua Maesta', il di' 28 marzo 1909, in re Axisa vs Aquilina (Collez. Vol.XVII.i.108) ritenne che :*

*una dichiarazione di un fatto inserto in un contratto non si puo' impugnare per causa d'ignoranza o di errore, quando colui che la impugna non poteva, nel momento di tale duchiarazione, trovarsi in istato di tale ignoranza od errore."*

*Illi dan kif gie kkonfermat fis-sentenza "M. G. Philips vs R. Storace et" (A.K 14 ta' Frar 1941 - Vol.XXXIA.i.12), kif ukoll "C. Zarb et vs G. Xuereb" (A. K. 13 ta'Ottubru 1998 - Vol.LXXXII.ii.1027) fejn intqal illi:*

*"Zball ta' fatt jipproduci n-nullita' tal-konvenzjoni meta jaqa' fuq is sostanza tal-haga li tifforma l-oggett tal-konvenzjoni hija l-opinjoni preferibbli li l-kelma 'sustanza' ghandha tittiehed bhala sinonimu ta' 'kwalita' sostanzjali' u li din il-kwalita' tiddependi mill-intenzjoni tal partijiet (Vol.XXXII.ii.157)."*

Fl-isfond ta' dawn il-prinċipji l-Qorti tosserva li –

1. In-Nutar Daniela Mercieca li ppublikat il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu tal-11 t'Awwissu 2014 xehdet hekk[6] -

*"Jien qrajt u spjegajt fid-dettal, (kif dejjem nagħmel), il-kontenut u l-effetti kollha tal-kuntratt b'mod sempliċi.*

*Illi l-ebda mill-partijiet fl-ebda ħin ma kellu oġġezzjonijiet dwar il-kontenut tal-kuntratt."*

2. In kontro-eżami[7] hija kkonfermat *"Jiena s-soltu naqra l-kuntratt… meta jkun kuntratt speċjalment bħal dan, two-pager, naqra kull kelma imma naf li ċertu kliem ikun naqra tqil u nispjegah…"*. Kompliet tgħid li –

*"to be honest at the time of the contract I can say that it was a very smooth… I would have never thought that this would come out because dakinhar tal-kutratt kienu t-tnejn, I mean, serene u qishom it-tnejn riedu jiffirmaw il-kuntratt ukoll."*

[6] Fol 467
[7] Fol 681A et seq

3. Dak li xehdet in-nutar jixħet dawl fuq il-konsapevolezza tal-partijiet għal dak li kienu qed jiffirmaw għalih. Inoltre, x-xhieda tan-nutar tikkontradixxi wkoll dak li qal l-attur, kif ċitat aktar 'il fuq, fejn huwa xehed li "*Hamza spjega lin-Nutar għalfejn kien qiegħed isir dan il-kuntratt*[8]*"* (u ċioe' l-verżjoni tal-attur li l-kuntratt sar minħabba l-problemi li l-konvenut kellu mad-Dipartiment tal-VAT) u wkoll meta xehed li wara l-iffirmar tal-kuntratt, Hamza reġa' rrepeta "*dak li kien qalli qabel <u>quddiem in-Nutara</u>*[9]*"*. Imkien mix-xhieda tan-nutara ma kkonfermat li quddiemha sar xi diskors li kien jindika ntenzjoni diversa tal-partijiet minn dak li kien hemm imniżżel u li ffirmaw għalih fil-kuntratt. Il-Qorti ma tarax raġuni valida il-għala għandha tiddubita minn dak li qalet in-nutara speċjalment tenut kont tal-fatt li l-partijiet entrambi kienu klijenti tagħha u għalhekk hija meqjusa bħala xhud imparzjali fil-viċenda;

4. Magħmula s-suespost osservazzjonijiet, dan allura jpoġġi piż akbar fuq l-attur li jipprova dak allegat minnu bi provi oħra sal-grad rikjest mill-liġi;

5. Kif ingħad, ir-raġuni li skont l-attur wasslet biex jiġi ffirmat il-kuntratt impunjat kienu l-problemi li l-konvenut kellu mad-Dipartiment tal-VAT. Ċertament mhuwhiex tort tal-attur jekk ix-xhieda minnu mressqa minn dan

---

[8] Fol 40
[9] Fol 40

id-Dipartiment kienu preklużi milli jixhdu minħabba d-dettami tal-liġi[10] u għax ma ngħatawx l-awtorizzazzjoni li jagħmlu dan mill-Prim Ministru[11]. Madankollu dan ma jeżonerax lill-attur milli jressaq b'mezzi oħra provi li jikkorroboraw dak li qal.

6. Charles Aquilina, li kien iżomm l-accounts tal-attur fix-xhieda tiegħu qal hekk[12] -

*"Dr. Carlos Bugeja : Hamz Alaawar qal li l-mija u sebghin elf hareg biha l-attur Moawad. Inti xi tghid fuq dik biex ma nkunx dirett?*

*Xhud : Jien ma nafx liema persuna harget biha. Jien kelli laqgha ma' Simon Grixti fl-ufficcju tieghu fejn hu tani l-workings tal-VAT return u fejn irrizultat din is somma.*

*Dr. Carlos Bugeja : Jigifieri l-workings li tak Simon Grixti, liema somma kienu juru?*

*Xhud : Il-mija u sebghin elf."*

7. *Prima facie* din tista' tagħti ndikazzjoni favur it-teżi tal-attur, pero' l-assjem ta' provi oħra mressqa li jagħtu stampa dettaljata tal-workings u l-kuntest tagħhom, iwasslu għal konklużjoni diversa kif ser jingħad;

8. Dok SG1 a fol 103 juri l-kalkoli ta' Simon Grixti, l-accountant tal-attur, bażati fuq it-tqabbil bejn ix-xiri u l-bejgħ fis-supermarket All In One għall-

[10] Fol 98
[11] Fol 112
[12] Fol 93

perjodu mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2014. Il-konklużjoni kienet li kien hemm *"€173,000 stolen"*. Waqt li kien qiegħed jixhed dwarha, l-istess Grixti qal hekk -

*"Xhud : Il-lista jiena ppreparajtha. Pero` minn din il-lista johrog li hawn bejgh li, ovvjament, sparixxa li ammonta ghal two hundred and six thousand two one six.*

*Qorti : Il-bejgh li ovvjament sparixxa..*

*Xhud : Ahna, ovvjament, l-inputting tad-dokumenti kien jaghmilhom haddiehor. Jigifieri jew l-assistenta tieghi jew kien hemm persuna ohra li taghmel l-inputting. Fit-2013 l-inputting sar fl-ufficcji taghna u bejn ix-xiri u l-bejgh kien hemm marka ta' xi twenty percent, nineteen point eight. Issa, fit-2014 fis-sena partikolari fejn kien hemm il-problemi fejn kien hemm is-Sur Hamz Alaawar u kien imsiefer u jiehu hsieb kollox Moawad, kellna problema illi biex wasalna ghall-istess marka ta' qabel.. jigifieri kellna sales neqsin ta' two hundred and six thousand.*

*Dr Carlos Bugeja : It-two hundred and six thousand x'inhuma?*

*Xhud : Kien hawn xiri ta' one seven three u zidlu l-marka fuqu ta' nineteen point two u jigi 206 u two one six. Jekk tiehu l-average..*

*Dr Carlos Bugeja : Liema row qed taqra? Hu pacenzja ghax din is somma mhux qed naraha jiena.*

*Xhud : Inti qed taraha s-somma ta' 173 thousand?*

*Dr Carlos Bugeja : Sewwa. Li qeghdha miktuba stolen.*

*Xhud : Dawk huma xiri. Jigifieri dak ix-xiri meta jkun mibjugh u jkun hemm kwazi twenty percent mark up, jammonta ghal 206 bhala bejgh, bhala sales value."*

9. Mela dan juri li mill-kalkoli tal-professjonisti rriżulta mhux biss li l-bejgħ li sparixxa kien ta' €173,000 iżda ferm akbar;

10. Fuq l-istess binarju xehed Patrick Hall, accounting officer tal-grupp The Convenience Shop li qal li meta l-kumpanija kienet qed tinnegozja li tieħu l-ħanut All In One, talbet evidenza tal-bejgħ li kien sar fis-sentejn ta' qabel. B'rabta mal-kalkoli li għamlu huwa xehed hekk[13] -

*"Minn dan l-eżerċizzju rriżulta li kien xiri aktar minn bejgħ li jammonta għal aktar minn mitejn u disgħin elf (€290,000). Dan jindika li jew kien hemm bejgħ li ma ġiex reġistrat fuq il-cash register jew abbuż ta' stock."*

11. In kontro-eżami huwa kompla jelabora dwar dan[14] -

*"Dr Borg: Jien qed nistaqsik: jista' jkun ukoll telf ġenerali, telf mingħajr abbuż? Mhux kull negozju jagħmel qligħ...*

*Mr Hall: Ifisser li inti qed tixtri xi ħaġa b'lira u tbiegħha bin-90 cents. Ma naħsibx li ħadd se jagħmel hekk...għax dan qed nitkellmu Gross Profit Margin aħna*

*Dr Borg: Ma tistax teskludi dan it-telf ġenerali li qed ngħidlek jiena, allura; qed nifhmek tajjeb?*

*Mr Hall: Le ma jistax ikun għax inkellha qed tbiegħ b'inqas milli qed tixtri. U min se jagħmilha?"*

12. **Jiġi sottolineat li l-persuna li kienet timmaniġja l-ħanut meta kien qed iseħħ dan kollu kien l-attur**;

[13] Fol 617
[14] Fol 680A et seq

13. Ix-xhieda tal-impjegati tas-supermarket All In One[15] tkompli tixħet aktar dawl fuq dak li kien qed iseħħ f'dan il-perjodu nkluż iż-żmien li matulu l-konvenut kien jinsab imsiefer u l-attur kellu l-prokura tal-istess konvenut biex iħallas lill-ħaddiema, il-kontijiet tad-dawl u l-ilma, jimmaniġja l-istock, iħallas it-taxxa u l-bolol u l-VAT fost oħrajn[16]. Il-ħaddiema lmentaw fost oħrajn li fil-perjodu li kien imsiefer il-konvenut, l-attur ma kienx qiegħed iħallashom il-pagi, kien qed jieħu stock u jgħabbih fil-vann mingħajr ma jżomm record tiegħu, ma baqax iħalli l-istaff idaħħlu invoices fis-sistema għax qalilhom li se jibda jagħmilhom hu, fejn qabel l-istock kien jinxtara cash dan beda jinxtara bi kreditu mill-attur. Għalkemm l-attur argumenta li dan kien kollu gideb, huwa naqas milli jġib provi sal-grad rikjest mill-liġi sabiex ixejjen l-akkużi li saru fir-rigward tal-immaniġjar tal-ħanut mill-istess ħaddiema;

14. Dwar ix-xhieda ta' xi ħaddiema li kienu jaraw lill-attur joħroġ flus kontanti mill-cash mingħajr ma jniżżel kemm ħa. Huwa probabbli li almenu parti minnu ġie depożitat fil-Bank stante li kif jirriżulta mill-kontijiet tal-Bank esebiti, saru depożiti fil-kontijiet, imma l-attur naqas li jiġġustifika jew jiribatti b'mod konkret id-diskrepanzi fl-istock u fid-dħul li rriżultaw meta ġew analizzati l-kontijiet;

---

[15] Fol 573 et seq
[16] Fol 682

15. Ma dawn jissemmew ukoll l-għadd ta' ċekkijiet iffirmati mill-attur li ma setgħux jiġu msarrfa u li lkoll kienu jġorru l-firma tal-attur;

16. Meta tqis dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha fil-kuntest tax-xhieda mogħtija mill-konvenut, il-Qorti tasal għal konklużjoni li l-verżjoni tiegħu li fil-kors tal-immaniġjar tas-supermarket All In One mill-attur, dan kien wettaq misappropijazzjoni u flejjes nieqsa fl-ammont ta' €173,000 hija kredibbli. Dan iwassal għal konklussjoni lix-xhieda u l-pretensjonijiet ta' l-attur m'għandhomx totalment mis-sewwa;

17. Fiċ-ċirkustanzi, l-kuntratt tal-11 t'Awwissu 2014 għandu jitqies validu għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

**Raġġunti dawn il-konklużjonijiet, l-ewwel talba tal-attur ser tiġi miċħuda. Peress li t-talbiet rimanenti huma konsegwenzjali għall-ewwel talba, dawn ser jiġu respinti wkoll.**

**Għall-istess raġunijiet, l-eċċezzjonijiet rimanenti tal-konvenut sejrin jintlaqgħu.**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi –**

1. **Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut iżda tilqa' l-bqija tal-eċċezzjonijiet tiegħu;**

2. **Tiċħad it-talbiet tal-attur bl-ispejjeż kontra tiegħu.**

**Onor. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Rita Falzon**
**Dep. Reġ.**